# Ir-Rigal



be SMART ONLINE!

Qatt qomtu minħabba li smajtu xi ħoss?
Mark kien rieqed meta f'daqqa waħda daqq l-iżveljarin.
Mark kien għajjien imma xorta qam, għax kienu ser imorru jixtru r-rigal biex jiċċelebraw li kien ser jagħlaq ħames snin. Intom tittewbu filgħodu? Kif tagħmlu?



Mark kiel il-kolazzjon li kien lestielu l-papà.
Fl-istess ħin qagħad jisma' xi diski minn fuq il-mowbajl.

Intom x'tieklu filgħodu?
L-istess bħal Mark tieħdu jew xi ħaġa oħra?



Wara li ħasel il-platt u t-tazza Mark mar fil-kamra tal-banju, inħasel, libes, għamel xagħru u ħasel snienu.

Intom kif taħsluhom snienkom, 'il fuq u 'l isfel jew minn ġenb għall-ieħor?



Mark ma kienx jaf x'inhu r-rigal . Kemm kellu kurżità jsir jaf!

Tgħid ballun, ktieb, rota, tablet, kuluri ...
Intom x'taħsbu li ser jagħtuh lil Mark?



Int kieku xi tkun trid tirċievi?

Mark u l-familja tiegħu waqfu quddiem ħanut b'ħafna pjanti fil-vetrina.

Tgħid kienu ser jixtrulu pjanta? Jew xi ħaġa oħra?



Il-mamà daħlet ġewwa l-ewwel. Kif daħlu ġewwa Mark ra xi annimali għall-bejgħ ... u induna li r-rigal kien ser ikun li jagħżel pet.

Mark ħares lejn kulħadd, qal "Le!" u ħareġ 'il barra mill-ħanut.



Għalfejn taħsbu li qal hekk?

Mark xtaq pet, aktar minn kollox, imma ma riedx jixtri pet mill-ħanut.

Hu xtaq jadotta pet minn xi santwarju tal-annimali, għax dawk kienu veru annimali li kellhom bżonn xi ħadd min iħobbhom.

Hemm santwarji tal-klieb u oħrajn tal-qtates.

Tgħid Mark ried kelb jew qattus?

Int kieku x'tagħżel?



Mark xtaq kelb u għalhekk marru f'wieħed mis-santwarji tal-klieb.

Il-klieb kollha bdew jinbħu kemm jifilħu.

Kollha xtaqu jintgħażlu ħalli jkollhom dar u familja ġdida.

Intom kieku liema tagħżlu?



Mark kien ħa grazzja ma' kelb u lilu għażel.

Mark refa' l-kelb f'idu u qallu, "Issa mmorru d-dar u ngħallmek ħafna affarijiet."

Tgħid x'kien ser jgħallmu?



Imma, Mark ma kienx jaf li l-kelb kien wieħed speċjali, intelliġenti ħafna, u li kienu ser ikunu ħbieb kbar.

Kif waslu d-dar Mark kellu seba' mitt sena biex imur onlajn ħalli jara kif kellu jieħu ħsieb il-kelb tiegħu. Bla ma qal xejn lil ħadd daħal waħdu fil-kamra tiegħu u xegħel il-kompjuter.



Mark ma talabx permess biex imur onlajn. Taħseb li għamel sew? Għaliex?

Mark ħares lejn il-kelb tiegħu u staqsieh, "Tajjeb qed nagħmel li nidħol onlajn bla permess?"

Il-kelb ħares lejh u, bil-ħarsa ta' għajnejh, donnu tah risposta!



Mark beda jilgħab fuq il-kompjuter ma' xi ħadd jismu Kiddow. Mark ma kienx jafu lil Kiddow. Tajjeb għamel Mark jew le? Għaliex?



Din il-persuna bdiet tistaqsi ħafna mistoqsijiet lil Mark, bħal x'jismu, kemm għandu żmien, fejn joqgħod u staqsieh ukoll għall-password li s-soltu juża.

Mark għandu jkellmu lil Kiddow? Għandu jilgħab miegħu? Għandu joqgħod jirrispondi l-mistoqsijiet ta' Kiddow, jagħtih l-informazzjoni u jagħtih il-password, iva jew le? Għaliex?



Kieku Mark kellu jistaqsi lill-kelb jekk kellux jagħti din l-informazzjoni, tgħid, x'parir kien jagħtih il-kelb?

Mark ma kienx jaf li l-password hija bħal xkupilja tas-snien u wieħed m'għandu QATT iħalli lil xi ħaddieħor jużaha!

Il-password hija xi ħaġa privata u ħadd m'għandu jkun jafha, ħlief int u min jieħu ħsiebek.

Taf kif għandha tkun password sikura?



Mark beda jagħti l-informazzjoni lil Kiddow.

Taħ ismu imma ma kienx ċert mill-indirizz tad-dar u għalhekk mar jistaqsi lill-papà li induna bl-iżball li kien qed jagħmel Mark.

Missier Mark qallu biex joħroġ mil-logħba. Imbagħad spjegalu għaliex kien qiegħed jagħmel ħażin. X'taħsbu li qallu?



Wara li tkellem mal-papà Mark nduna li kien ser jagħmel ħażin kieku ta l-informazzjoni lil Kiddow.

Tgħid min kien Kiddow?

X'taħsbu?



Wara ftit, Mark ftakar li ried ifittex onlajn biex jara kif seta' jgħallem xi tricks lill-kelb tiegħu.

Hekk kif beda jfittex, dehret pop-up fuq l-iskrin, bil-kliem "IRBAĦT".

Oħt Mark, li kienet ħdejh, kienet ser tagħfas fuqha biex tara x'rebħet. X'taħsbu li jmisshom jagħmlu? Għalfejn?



Il-papà semagħhom jitkellmu u daħal fil-kamra ħdejhom. X'taħseb li qalilhom jagħmlu?

"Daqshekk ħin fuq il-kompjuter!" qal il-papà.

"Iva," kompla Mark. "Hawn ħafna aktar x'nistgħu nagħmlu biex ngħaddu l-ħin u nieħdu gost."

"Woof Woof!" kompla l-kelb.

X'tista' tagħmel biex tieħu gost? X'tagħmlu intom?



Qabdu l-karozza u għaddew biex jiġbru il-mamà. Mark u l-familja tiegħu marru mixja Ta' Qali. Ħadu ballun magħhom ukoll. Kemm ħadu gost jilagħbu bil-ballun u mal-kelb.



Ftakru li hu dejjem tajjeb li titkellmu ma' tad-dar.

Mark issa sar aktar konxju li hemm xi perikli fuq l-internet.

Mark staqsa lil oħtu toħodlu ritratt mal-kelb bit-tablet.

Kemm ġew tajbin!

Jgħidu li l-kelb huwa l-akbar ħabib tal-bniedem! Jidhru ferħanin flimkien, hux?

Min jaf x'ser isemmih il-kelb? X'taħsbu?



## MITBUGĦ GĦALL-EWWEL DARBA FL-2018

### Kitba
*Dunstan Hamilton*

### Qari tal-provi
*Karl Paul Coleiro*

**ISBN: 978-99957-929-1-6**

be SMART ONLINE!

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY
ensuring connectivity

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

DIRECTORATE LEARNING AND
ASSESSMENT PROGRAMMES

Co-financed by the European Union
Connecting Europe Facility

INHOPE

ins@fe